**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Gunju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Nicholas Vella**

**Vs**

**Malak Lazoumi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Malak Lazoumi detentrici tal-karta tal-identita 355299M, mwieleda fit-30 ta' Marzu 1997 f'Tripoli, bint Hussain u Marthese nee' Zammit residenti 11, Triq Salvu Psaila, Birkirkara;

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Gunju 2014:

1) Xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

2) Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi mali saret taf li l-haga li kienet fil-pussess taghha kienet haga misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqset li tgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt;

3) Aktar talli fl-istess data u jew f'dati ohra lok, hin u cirkostanzi, volontarjament gharrqet, hassret jew kissret hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe' hsara fuq telefon cellulari ta' l-ghamla Samsung Galaxy S3 li jiswew iktar minn 23.29 Euro izda inqas minn 1164.69 Euro ghad-detriment ta' Bedarhan Fajak Hanan 112170A u/jew persuni ohra;

4) Aktar talli fl-istess data jew f'dati ohra, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha gharrqet, hassret jew kissret hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe' hsara fuq telefon cellulari tal-ghamla Galaxy S3 li jiswew iktar minn 23.29 Euro izda inqas minn 1164.69 Euro ghad-detriment ta' Bedarhan Fajak Hanan 112170A u/jew persuni ohra;

5) Aktar talli fl-istess data u/jew f'dati ohra, lok, hin u cirkostanzi, sabet hwejjeg li kienu naqsu lil xi persuna jew li din tkun tilfet, ma gharrfitx bihom, fi zmien tlett ijiem, lill-Pulizija.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fit-13 ta' Gunju, 2014, certu Bedarhan Fajak Hanan ta' nazzjonalita' torka, ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija tal-Msida li dakinhar insteraqlu l-'mobile' tieghu tat-tip Samsung Galaxy S3 mill-bajja ta' Ghajn Tuffieha (Golden Sands). Hu kien halla l-'mobile' fil-basket tieghu fuq ir-ramel u nizel ighum, izda meta tela' mill-bahar dan ma kienx fil-basket tieghu. Ma kellu suspetti f'hadd, u l-hin kollu kien fil-presenza tal-hbieb tieghu.

Xi zmien wara, Hanan baqa' ifittex dan il-'mobile' peress illi kellu 'app' fejn seta' jigi lokalizzat jekk dan jintuza, u fil-fatt ftit gimghat wara irrizulta li l-'mobile' kien qieghed Triq Psaila, B'Kara. Hu ghamel rapport addizzjonali mal-Pulizija, u mill-investigazzjoni li saret, dan il-'mobile' instab fil-pussess tal-imputata. Hi giet mitkelma mill-istess Pulizija u kienet wiegbet illi l-'mobile' kienet sabitu fuq tal-linja u zammitu, u wara ftit bdiet tuzah. Ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront taghha.

Mill-provi prodotti ma tantx hemm x'wiehed jiddelibera wisq. Il-fatti huma pjuttost cari. L-element ta' serq hu ghal kollox nieqes fil-kawza, kemm fl-akkuzi kif ukoll fl-istess fatti. Hemm, izda, l-element ta' ricettazzjoni u bhala alternattiva n-nuqqas ta' rapport ta' sejbien ta' oggett mitluf. Huwa evidenti li l-imputata – jekk ma serqetx dan il-'mobile' – giet fil-pussess illegittimu tieghu, u zgur li ma kellhiex ghalfejn izzommu hekk fil-pussess taghha minghajr ma tirrapporta li sabitu. Huwa ovvju li dak kien ta' xi hadd u ma kienx mormi jew 'res derelicta', izda kien intilef jew insteraq. Ma giex indikat li l-imputata kienet xtratu mill-idejn minn terzi. Hi stess tghid li sabitu, ghalhekk huwa totalment in-nuqqas taghha li ma gharfetx lill-awtoritajiet b'din is-sejba. Mill-istess atti jirrizulta ampjament li l-imputata ghamlet uzu estensiv ta' dan il-'mobile'.

Dwar il-hsara li dan il-'mobile' kellu, il-Qorti hi tal-fehma li ma giex pruvat li kienet l-imputata li ghamlet dik il-hsara, aktar u aktar li tali hsara saret b'mod volontarju minnha. Ghalhekk dik l-imputazzjoni ma tirrisultaz. Madankollu, tali hsara saret waqt li kien fil-pussess taghha, u ghalhekk ghandha twiegeb hi ghal tali nuqqas u danni sofferti mill-parti leza.

Ghalhekk il-Qorti ser issib lill-imputata hatja tat-tieni, ir-raba' u l-hames akkuzi, u bhala sentenza ser tapplika sanzjoni fil-komunita'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325(1)(b),(c), 328, 334, 334A u 340 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qed issib lill-imputata hatja tal-ewwel u t-tielet akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni.

Issib lill-imsemmija imputata hatja tat-tieni, r-raba' w il-hames akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u ghalhekk tqieghda taht ordni ta' probation ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**